# "ALMA MATER"

## Kronaka ta' l-Università Rjali ta' Malta.

*Miġbura u Miktuba*

*minn*

*GUIDO SALIBA*

---

*22 ta' Novembru, 1948.*

---

LIL

DIN L-OMM GLORJUŻA LI QED TGĦALLIMNI

**L-UNIVERSITA' RJALI TA' MALTA**

---

*Mużika (bħala introduzzjoni)—"Finlandia" (Sibelius)*

KUMMENTATUR : It-twaqqif ta' Seminarji kien wieħed mill-ikbar riformi li saru mill-Konċilju ta' Trentu. L-isqof ta' Malta, Monsinjur Tumas Gargallo, mexa fuq il-parir tal-Konċilju u fl-1591 ordna l-bini ta' Seminarju ġo l-Imdina, biswit il-Katedral. Għal dan l-iskop għamel taxxa fuq il-kera mill-beni tal-Kurja, il-Katedral, Kanonikati, Parroċċi u bosta benefiċċji oħra (1).

Minħabba l-ħafna xkiel li ltaqa' miegħu, sas-sena ta' wara, is-Seminarju kien għadu ma nbeniex. Papa Klement VIII b'Bolla lill-Isqof fit-18 ta' Marzu 1592, ordna li jinbena kulleġġ minfloku. Dan kellu jitmexxa minn tnax-il patri Ġeżwita (2).

Bil-kooperazzjoni tal-Grammastru Kardinal Hugues de Loubenx Verdalle, il-kulleġġ twaqqaf mis-Soċjetà ta' Ġesù fit-12 ta' Novembru 1592 b'kuntratt iffirmat bejn l-Isqof Gargallo u Patri Cascati, is-Superjur tal-Ġeżwiti, b'atti tan-Nutar Sillato (3).

Ix-xogħol tal-bini tal-Kulleġġ, li għadu sal-lum jintuża bħala Università u Knisja fejn issir il-gradwazzjoni, inbeda wara tliet snin. L-ewwel ġebla tqiegħdet mill-Grammastru Fra Martino Garzes fl-4 ta' Settembru 1595. Għaddew seba' snin oħra qabel il-bini ma kien lest għal kollox (4).

Bis-saħħa tal-bolli mogħtijin lilhom mill-Papa Piju IV fl-1561, li ġew imġedda mill-Papa Gregorju XIII fid-9 ta' Marzu 1578, il-Ġeżwiti ngħatalhom il-privileġġ li jiggradwaw lill-istudenti tagħhom fil-Filosofija u t-Teoloġija. Biss f'Malta dan ma bediex isir ħlief wara s-7 ta' Ġunju 1727, meta r-Rettur tal-Kulleġġ, Patri Martino de Andrea, ingħata permess mill-Grammastru Manoel de Vilhena biex iwaqqaf Akkademja ħalli jagħti Gradi ta' Baċċellier, Liċenzjat, Majjistru u Duttur f'dawn iż-żewġ materji (5).

---

(1), (2) u (3) Prof. Mgr. A. Bonnici—The Teaching of Theology in the Jesuit College.

(4) R.U.M. Calendar F5.

(5) Bonnici & R.U.M. op. cit.

Il-Ġeżwiti damu 'l fuq minn 150 sena jmexxu l-Kulleġġ b'waqfien għal ftit taż-żmien fl-1639 fil-ħakma tal-Grammastru Lascaris.

Għal ħabta tal-bidu tas-seklu tmintax il-Ġeżwiti għamlu għadd bla tarf ta' għedewwa għax fittlilhom jindaħlu għat-tmexxija ta' movimenti reliġjużi, pulitiċi u kummerċjali. Ir-Rejjiet tal-biċċa l-kbira mill-ġnus ta' l-Ewropa ħassew li dan hu ndaħil żejjed u kontra l-interessi ta' l-Istat. Fl-1762 il-Ġeżwiti tkeċċew minn Franza u ħames snin wara minn Spanja, Napli u stati oħra Taljani (6).

L-Ordni tal-Kavalieri ta' Malta, magħmul kif kien minn membri tal-familji nobbli ta' dawn l-Istati Ewropej, beda jiġi ssikkat biex jimxi fuq l-eżempju tagħhom f'din il-biċċa.

Nisimgħu daqsxejn x'kien qed jingħad fil-laqgħa tal-Kunsill Għoli ta' l-Ordni fit-22 ta' April 1768.

VIĊI-KANĊELLIER TA' L-ORDNI : Jeħtieġ tifhimha darba għal dejjem, Monsinjur Manciforte, li l-Ordni, li hu Stat Suvran daqs kull Stat ieħor ta' l-Ewropa, ma jistax iħalli lill-Ġeżwiti jkomplu sejrin b'din it-tattika xewwiexa (*isabbat fuq il-mejda*) u żgur li qatt ma joqgħod taħt il-madmad ta' din il-karfa prużuntuża.

INKIŻITUR MANCIFORTE : (*B'leħen imgħaddab*) Ftakar, Eċċellenza, li qed titkellem fuq ir-Reverendi Patrijiet, ulied Loyola.

VIĊI KANĊELLIER : (*jaħtfu*) U int, ftakar, Monsinjur li s-seklu XVIII mhux iżjed is-seklu tal-qassisin u patrijiet. (*ibiddel leħnu, umli, lil Pinto*) Bil-qima kollha, Altezza wisq eminenti, nixtieq inressaq quddiemek il-fehma tal-Kunsill dwar din il-kwistjoni. Il-Kunsill hu tal-fehma li nimxu fuq l-eżempju ta' Napli u Spanja... għalhekk jagħti parir li l-Ġeżwiti jitkeċċew...

INKIŻITUR : (*jaqtagħlu kliemu b'għajta*) Malli l-Qdusija Tiegħu jsir jaf b'dan il-kliem biss, għax kliem fieragħ jibqa' u ma jistax iseħħ!......

PINTO : (*kalm*) L-ewwel ħaġa, Monsinjur, tinsiex li meta tkun fil-Palazz tagħna ma tistax tgħolli leħnek żejjed.

(6) Zammit, Sir Temi—L'Università di Malta: suo origine e sviluppo.

It-tieni, dwar x'jiġri u ma jiġrix fl-istat suvran tagħna, aħna biss nistgħu ngħiduh. Ma nistgħux ma nimxux fuq l-għemil ta' stati bħal dawn, l-aktar meta tqis li, b'diploma ta' l-Imperatur Karlu V, Malta tagħmel sehem mir-renju ta' Napli. Jekk aħna nfasslu għamilna fuq xewqat Ruma, niksruha ma' Napli......

*Mużika — Dramatic Music.*

INKIŻITUR : (*immasħan sewwa*) Jekk din hi l-aħħar kelma tiegħek, Altezza, u inti tamar mhux dak li tħoss li hu l-ħaqq u s-sewwa—għax qatt f'xejn għad ma sabet x'tilmenta fis-soċjetà ta' Ġesù, l-Altezza tiegħek,—imma dak li qed igħidlek l-ambaxxatur tal-Portugall u l-Kavalieri portugiżi, l-iktar il-Viċi Kanċellier li jobgħod il-Ġeżwiti u li jrid jimxi fuq l-eżempju tal-Burboni, nitolbok tħallini nirtira. Haġa ngħidlek qabel nitlaq. Il-Papa jkun imgħarraf b'kollox minnufih.

PINTO : (*jitmasħan*) Il-Papa m'għandu x'jaqsam xejn f'din il-biċċa! (*b'leħen kburi ħafna*) Jien il-Prinċep u l-ħakkiem ta' Malta. Il-Majestajiet Tagħhom ta' Spanja u Napli eżiljaw il-Ġeżwiti mir-renji tagħhom. Aħna nagħmlu bħalhom. Tista' tmur, Monsinjur!

*Mużika — "5th Symphony" (Beethoven)*

KUMMENTATUR : Dak in-nhar stess, it-22 ta' April 1768, il-Grammastru iffirma degriet ta' l-eżilju u fit-tlieta ta' filgħodu l-għada, Dottor Gianbattista Prevost, l-avukat fiskal tal-Qorti tal-Klistanija flimkien mas-suldati tal-għassa, mar il-kulleġġ u ordna lir-Rettur biex isejjaħ lill-patrijiet l-oħra fiċ-ċella tiegħu (7).

*Mużika titbaxxa.*

RETTUR : Sur Avukat Fiskal, hawn aħna miġburin ilkoll, jiena u tnax-il patri ieħor u ħames ajkijiet. Tista' tgħarrafna kif nistgħu npattu l-ġieh li għamiltiina biż-żjara tiegħek?

*Mużika togħla.*

DOTTOR PREVOST : L-Altezza Tiegħu Wisq Eminenti, il-maħbub

(7) Zammit op. cit.

Grammastru tagħna Fra Don Emanuel Pinto de Fonçeca, għoġbu jaħtarni sabiex inwettaq ix-xewqat tiegħu. Dan id-degriet li ser naqralek hu ffirmat minnu t-22 ta' April, 1768. (*b'leħen biered, jaqra*) "Kif inhu magħruf, il-ħakma ta' dawn il-gżejjer ġiet fdata f'idejn l-Ordni tagħna mir-Re ta' Napli bi ftehim mar-rejjiet l-oħra kollha ta' l-Ewropa. Ir-re ta' Napli bagħat igħarrafna li minħabba delitti serji ħafna kontra l-istat, eżilja lill-membri kollha tas-Soċjetà ta' Ġesù. Hu talabna nagħmlu bħalu. Imbilli s'issa dejjem imxejna fuq il-prinċipju ta' ħidma id f'id mas-slaten l-oħra ta' l-Ewropa wasalna li nordnaw it-tkeċċija mid-dominju tagħna ta' dawk l-individwi kollha tas-soċjetà fuq imsemmija" (8).

*Il-mużika hawn tkun laħqet l-aqwa tagħha.*

KUMMENTATUR : Ftit jiem wara nbarkawhom fuq skuna Franċiża u bagħtuhom. Il-Kulleġġ ingħalaq u l-proprjetà kollha tagħhom kienet ikkonfiskata. Fit-tnejn u għoxrin ta' Novembru, 1769, il-Grammastru sejjaħ laqgħa tal-Kunsill Għoli ta' l-Ordni.

PAĠĠ : L-Eċċellenza Tiegħu Reverendissima l-Inkiżitur Monsinjur Manciforte!

PINTO : Merħba u s-sliem, Monsinjur! Ngħarrfek ba telf ta' żmien li din l-istedina tagħna għall-miġja tiegħek il-lum saritlek bil-ħsieb li tkun xhud ta' degriet li ser noħorġu minnufih. (*b'leħen niggieżi*) Fl-istess ħin ikollok tagħrif uffiċjali u mhux miksub bl-ispiji biex tgħaddih lill-Papa. Il-Kunsill hu mgħarraf li l-Papa Klement XIV għoġbu jawtorizza—għalkemm il-bolli għad ma waslux—li l-proprjetà tal-Ġeżwiti tinżamm mill-Grammastri bħala, kif għoġbu jsejjaħlu l-Qdusija Tiegħu, *depożitu*. Qalilna wkoll li nistgħu nużaw din il-proprjetà bħala benefiċċju għal Kulleġġ bħal dak li kellhom f'idejhom il-Ġeżwiti (9).

INKIŻITUR : (*ma jifhimx, donnu ma jistax jemmen lil widnejh*) Kif, mela l-Kunsill ma tax widen għas-suġġerimenti li għamilnielu jiena, l-Isqof u l-kapitlu tal-Katidral?

---

(8) Zammit op. cit.; Leanza—I Gesuiti in Malta al tempo dei Cavalieri Gerosolmitani.

(9) Oct. 1769 "Sedula Romani Pontificis"; "Solliceti nos quidem".

PINTO : Ebda wieħed mis-suġġerimenti ma jogħġbuna. (*ċar, enfatiku*) Jidhrilna li Malta jixirqilha li jkollha Università bħal ta' l-aqwa bliet ta' l-Ewropa! Din hi l-akbar ambizzjoni tagħna l-lum. U biex nirnexxu fix-xewqa tagħna, mal-proprjetà tal-Ġeżwiti ser nibdew noħorġu ta' kull sena somma mill-kapital privat tagħna. Mhux biss dan, imma sejrin niddotaw ukoll l-imħażen li bnejna x-xatt.

INKI ITUR : Jidhirli Altezza......

PINTO : L-ewwel, jekk jogħġbok, isma' d-degriet tagħna. Wara tkun tista' tagħmel kummenti kemm trid. Viċi Kanċellier xandar id-degriet ħalli niffirmawh.

*Mużika — "Royal fanfare"*

VIĊI KANĊELLIER : "Nos frater Don Emanuel Pinto de Fonçeca, Sacrae Domus Hospitalis Sancti Joannis Hieresolmitani et Militaris Ordinis Sancti Sepulcri Magnus Magister, Princeps Melitae..." noħolqu minn dan il-waqt Università pubblika ta' tagħlim ġenerali. Inżejnuna bil-privileġġi, immunitajiet, prerogativi, titli, preminenzi u unuri li soltu jingħataw lill-Universitajiet pubbliċi maħluqin b'awtorità tal-Papa (10).

Għat-tmexxija aħjar ta' l-Università noħolqu l-post ta' Protettur. L-ewwel Protettur ikun il-Balliju ta' Aquila Fra Francesco Guedes, Viċi-Kanċellier ta' l-Ordni tagħna. L-ewwel Rettur naħtru lil Fra Roberto Castaguti dei Serviti u Viċi-Rettur lil Don Ferdinando Mingarelli (11).

Il-Protettur, fuq il-parir tar-Rettur u bħala rappreżentant tagħna, ikollu s-setgħat kollha meħtieġa biex jagħti Gradi ta' Baċċellier, Liċenzjat, Majjistru u Duttur fil-fakultajiet tat-teoloġija, Liġi u Mediċina (12).

KUMMENTATUR : Minn dak in-nhar l-Università bdiet taqdi dmirha lejn iż-żgħażagħ ta' Malta fil-kultura u tagħlim

(10) & (12) Document I R.U.M. Calendar — Digriet 22/11/1769; & Erectio Collegii et Universitatis Studiorum Melitensis—Liber Bullarum (No. 253).

(11) Liber Bullarum No. 573, An. 1771, Fol. 459; & R.U.M. Calendar —Digriet 22/5/1771.

L-Università ta' Malta

għoli. U hekk għaddiet dejjem 'il quddiem ma' tul il-ħakma tal-Grammastri Ximenes, De Rohan u Hompesch.

*Mużika — "1812" (Tchaikovsky)*

Għal dik il-ħabta l-Ewropa kollha kienet qiegħda tirtogħod bil-biża' quddiem l-eżerċiti ta' Franza mmexxija mill-akbar Ġeneral li qatt deher—Napuljun Bonaparte. Il-karriera tiegħu kienet sensiela ta' rebħiet waħda wara l-oħra. Napuljun issuġġerixxa lill-Gvern Franċiż biex jaħkem l-Eġittu bħala twittija tat-triq qabel jaħtaf l-Imperu Indjan minn idejn l-Ingliżi.

Biss, qabel, ħtieġlu jkun żgur mill-kontroll tal-Mediterran, u mbilli dan kien jiddependi f'idejn min ikun l-aktar post strateġiku ta' dan il-baħar — Malta — Napuljun kellu jara kif jagħmel u jaħkimha.

Il-Ġeneral Franċiż hawn iltaqa' ma' saram. L-Ordni tal-Kavalieri qatt ma għamel azzjoni ħażina lil Franza. L-inkwiet kellu joħolqu hu! X'għamel? Fl-erbgħa ta' wara nofs in-nhar tad-9 ta' Ġunju, 1798, il-flotta ta' Napuljun dehret quddiem ix-xtut ta' Malta. Bagħat jitlob lil Hompesch iħallih jidħol ġol-port ħalli jgħabbi l-ilma. Permess ma ngħatalux. Hawn hi l-iskuża! Napuljun invada l-gżira tagħna. Imbilli l-Maltin kienu mxebbgħin mill-Kavalieri sal-ponta ta' mneħirhom u l-qawwiet franċiżi kienu bil-bosta akbar minn ta' l-Ordni, f'qasir żmien, Malta waqgħet f'idejn il-Franċiżi.

Kif jiġri dejjem u ta' bilfors, il-ħakkiem l-ġdid ta' Malta ħareġ liġijiet ġodda u għamel tibdiliet fl-amministrazzjoni minflok dawk ta' l-Ordni.

Fost dawn l-ordnijiet li ħareġ Napuljun, nisimgħu din......

*Mużika: hawn ikun wasal il-motiv tal-"Marsellaise"*

FRANĊIŻ : *Malte : Libertè, Egalitè. En nom de la Republique Française, une et indivisible. Dix huit Juin, mille sept cent quatre vingt dix huit.*

*Article Premier.* Minflok l-Università u kulleġġi oħra titwaqqaf f'Malta Skola Ċentrali. *Article Deuxieme.* Din tkun magħmula minn :— Professur ta' l-Aritmetika bis-Salarju ta' 1800 francs, professur ta' l-Alġebra

u ta' l-Istenotomija—2000 francs; professur tal-Ġeometrija u Astronomija 2400 francs; professur tal-Mekkanika u Fisika—3000 francs; professur tan-Navigazzjoni —2400 francs; professur tal-Kimika—1800 francs, u professur ta' l-ilsna Orjentali—1200 francs; bibljotekarju li jieħu f'idejh il-kors tal-Ġeografija—1000 francs. *Article Troisieme.* Ma' l-Iskola Ċentrali jingħaqdu l-Bibljoteka u l-Mużew ta' l-antikità; mużew ta' l-istorja naturali, ġnien botaniku u l-osservatorju. *Article quatrieme.* Is-somma ta' 300,000 francs tkun imħollija għall-ħlas ta' spejjeż meħtieġa għall-iskola ċentrali (13).

*Mużika — "Polonaise Militaire" (Chopin)*

KUMMENTATUR : It-tnejn ta' Settembru 1798 kellu jsir irkant mill-Franċiżi tat-tapezzerija, fided u deheb tal-Knisja tal-Karmnu ta' l-Imdina. Il-Maltin għalenija qamu f'rewwixta. In-nutar Manwel Vitale inħatar il-mexxej tax-xewwiexa Maltin. Il-Kanonku Franġisk Saverju Caruana, li qabel kien wieħed mill-Għaqda tad-Disgħa tal-Gvern Franċiż, ingħażel ġeneral tal-qawwiet ta' Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi.

L-assedju tal-Franċiżi, li kienu mġiegħla jingħalqu ġewwa l-belt għax il-bqija ta' Malta kienet f'idejn ix-xewwiexa, baqa' jkarkar. Fl-aħħar sar kumplott ġewwa l-Belt. Fit-12 ta' Jannar 1799 kellhom jinfetħu l-bibien tal-Belt, jindaqqu l-qniepen ta' San Ġwann u tittella' bandiera bix-xbieha ta' San Pawl fuq is-swar—sinjali biex il-Maltin ta' barra l-Belt jattakkaw. Il-kumplott inkixef u fis-16 tax-xahar, il-ħatjin kienu għaddejjin ġuri quddiem Ġeneral Vaubois

VAUBOIS : Professur Xerri, ifhimni tajjeb x'ser ingħidlek. Int tinsab quddiemna l-lum, minħabba li jingħad li kellek sehem kbir fil-kumplott kontra tagħna mmexxi mill-Kursar Russu Guliermu Lorenzi. Tassew dan?

XERRI : Iva, jien *ħati.*

VAUBOIS : Dun Mikiel, taf li ħtija bħal din fi żmien ta' gwerra titħallas bil-mewt?

XERRI : Naf, iva.

---

(13) "Giornale della presa di Malta e Gozo—Barone Azopardi; Digriet ta' Napuljun tat-18 ta' Ġunju, 1798.

VAUBOIS : Aħna għandna qima kbira għalik, Professur, u jekk inkunu nafu min kellek miegħek......

XERRI : (*imgħaddab*) Ġeneral ta' Franza, int ġibtni quddiemek biex nistqarr dnubieti jew biex ittabbagħli ġiehi?

VAUBOIS : Hu dmir ta' kull ċittadin li jgħid is-sewwa kollu. Xejn ħlief dan ma rridu nafu minn għandek.

XERRI : Is-sewwa fuqi ngħidulek; fuq l-oħrajn tkixxfu intom.

VAUBOIS : Allura ma tridx titkellem?

XERRI : Ġeneral Vaubois, jien nistqarr li ħadt sehem kbir fil-kumplott. Sogħba waħda għandi u sogħba kbira — li fdajna ruħna f'idejn barrani u li ma mexxejtx kollox jien. Kieku Malta l-lum meħlusa minn taħt idejn il-Franċiżi.

VAUBOIS : (*b'leħen qalil*) Capitaine de la Garde, conduisez les coupables dehors jusqu'à ce qu'on ecrive la sentence de mort.

*Tanbur iħabbat.*

KUMMENTATUR : L-għada filgħodu Dun Mikiel Xerri u wħud mill-45 oħra ikkundannati ġew mgħoddija minn Rue Nationale għal ġewwa Place de la Liberté, fejn kienu les-ti s-suldati Franċiżi biex iwettqu s-sentenza.

KAPTAN : Desirez vous quelque chose avant le prononcement de votre sentence de mort?

XERRI : Capitaine nous n'avons qu'un seul desir — reciter une petite prière avant de mourir. Ce sera moi qui vous donnerai l'ordre de faire feu.

KAPTAN : Entendu!

XERRI : Uliedi, il-Kaptan fuq xewqa tiegħi ser iħallina ngħidu talba żgħira qabel ningħaqdu ma' Alla għal dejjem. Inżlu għarkobbtejkom, uliedi. Nitolbu. (*it-talba tingħad bil-qalb, bil-mod. Ilħna daqsxejn imbegħdin igħidu wa-rajh kważi minn taħt l-ilsien*) "O Missier Etern, żomm idejk fuq Malta tagħna u xejjen lill-għedewwa tagħha. Aħfrilna dnubietna, Mulej. Ikollok ħniena minn ruħna. Hekk ikun." Kuraġġ, uliedi! Nuruhom lill-Franċiżi kif jafu jmutu għal arthom l-għażiża Malta u għar-Reliġjon l-irġiel Maltin. *Viva r-Reliġjon! Viva Malta! Viva l-ħelsien!* (*lill-Kaptan*) Capitaine, vueillez accepter cette montre comme un souvenir?

Soldats de la France "FUSILLEZ!"

*Daqqiet ta' tnabar; ħoss ta' sparar ta' azzarini.*
*Mużika — "Eroica" (Beethoven)*

KUMMENTATUR : Hekk miet wieħed mill-aqwa eroj Maltin—Dun Mikiel Xerri, Professur tal-Filosofija fl-Università tagħna.

Din kienet daqqa ta' ħarta kbira għax-xewwiexa Maltin li ġegħlithom jitolbu l-għajnuna u l-protezzjoni ta' l-Ingilterra. Talbu lil Nelson jibgħatilhom fizzjal biex imexxi l-qawwiet tagħhom. L-Ammirall Nelson bagħat lil Kaptan Ball li kellu bħala "military adviser" lil Kanonku Saver Caruana.

Il-Ġeneral Graham ried iwaqqaf riġment tal-"Maltese Fencible Light Infantry" u għalhekk fid-19 ta' Ġunju 1800 nisimgħuh jagħmel dan l-appell.

GRAHAM : Brave Maltese, you have rendered yourselves conspicuous and interesting to the world. History affords no more striking example. Betrayed to your invaders, deprived of the means of resistance, eternal slavery seemed to be your inevitable doom. The oppression, the sacrilege of your tyrants became intolerable. Regardless of consequences, you determined at every hazard to vindicate your wrongs. Without arms, without the resources of war, you broke asunder your chains. Your patriotism, your courage, your religion supplied all deficiencies. Your energy commanded victory and *an enemy formidable to the best disciplined armies* of Europe yielded in every point to your unexampled efforts *and hid their disgrace behind the ramparts.* You called for assistance. The powers acting in alliance for the support of civil society and of religion hastened to your relief; arms, ammunition, money and corn have been supplied to you. You are ready to unite in a mass to complete the glorious work you began. *To arms, then Maltese!* Let the universal cry through the island be "*For God and our Country*" (14).

(14) Laferla—British Malta Vol. I; & Zammit Sir T.—Malta: The islands and their history. Appell maħruġ mill-"Headquarters" tal-Gudja, 19 ta' Ġunju 1800.

*Daqq ta' qniepen tal-Knejjes.*

KUMMENTATUR : Fil-5 ta' Settembru l-Ġeneral Vaubois ċieda l-l-armi u, wara li l-Franċiżi kienu telqu minn Gżiritna, Kaptan Ball flimkien mal-Baruni Gauci, Kaptan tal-Virga, Maġistrati, Rappreżentanti ta' rħula u awtoritajiet oħra, marru l-Ko-Katidral ta' San Ġwann

*Kant — "Te Deum"*

għat-Te Deum b'turija ta' ħajr 'l Alla għar-rebħa li tahom.

Minn dak iż-żmien Malta għaddiet taħt il-ħarsien tal-Kuruna Ingliża.

Wieħed mill-ewwel passi li ħa l-Kummissarju Ċivili Captain Ball, kien il-ftuħ mill-ġdid ta' l-Università li kienet ġiet magħluqa minn Napuljun.

Fit-28 ta' Ottubru 1800 il-kanonku Franġisk Saverju Caruana waslitlu din l-ittra :

BALL : Nixtiequ nagħtuk prova oħra, Kanonku Duttur Saver Caruana, ta' kemm ngħożżu dak kollu li għamilt għal art twelidek waqt ir-rewwixta tal-Maltin b'sogru u sagrifiċċju kbir tiegħek innifsek. Barra dan hi xewqa tagħna li nagħmlu ġid kbir lil Malta billi nħaddmu ħiltek, għax ngħarfu tajjeb l-għerf, l-enerġija u r-rieda tajba tiegħek. Għalhekk naħtruk Rettur ta' l-Università ta' Malta u tal-Kulleġġ ta' Ġesù. Nagħtuk il-ġieh u s-salarju ta' din il-kariga għolja kif ukoll ngħabbuk bir-responsabbiltà u dmirijiet tagħha. (Iffirmat) John Alexander Ball (15).

*Mużika — "Rule Britannia"*

KUMMENTATUR : Saret il-paċi ta' Pariġi, u l-Ingilterra ngħatat suvranità fuq il-Gżejjer tagħna wara ħafna talbiet tal-Maltin biex Malta tibqa' tagħmel sehem mill-Imperu Ingliż. Dan il-fatt storiku hu mniżżel fuq il-bieb tal-Main Guard. "Magnae et Invictae Brittaniae Melitensium Amor et Europae Vox has insulas confirmant."

L-Ingilterra bdiet taħseb bis-sħiħ u bis-serjetà biex tagħmel lil Malta art ta' l-akbar impurtanza bħala post ċentrali ta' kummerċ, kultura u setgħa Ingliża fil-Mediterran.

(15) Document 2. R.U.M. Calendar.

Is-Segretarju ta' l-Istat tal-Kolonji xtaq iwaqqaf Università Għawdex bit-tama li tkun l-Università ewlenija tal-Mediterran. Il-Gvernatur Maitland ma qabilx u wieġeb li aħjar titwaqqaf fuq sisien sodi u prinċipji serji l-Università tal-Belt. Fost ir-riformi li għamel, Maitland ordna t-tagħlim ta' l-Ingliż lill-prokuraturi legali, nutara u tobba. Barra minn dan, għamel l-Ingliż l-ilsien uffiċjali tal-Gvern bil-ħsieb li jressaq lill-Maltin u lill-Ingliżi eqreb lejn xulxin fi ftehim u ħbiberija.

Il-Markiż Hastings, il-Gvernatur il-ġdid, waqqaf Kunsill Ġenerali għat-tmexxija aħjar ta' l-Università. Il-President ta' dan il-Kunsill kien John Hookham Frère, diplomatiku mill-aqwa, studjuż u kittieb magħruf, raġel maħbub ħafna mill-Maltin għall-interess li kien jieħu fihom. Kien iħobb lil Malta hekk, li tgħallem il-Malti u tħabat bis-sħiħ biex daħħal it-tagħlim ta' l-ilsien Malti ġewwa l-Università. Għax il-Gvern ma riedx iħallas, kellu joħroġ minn butu s-salarju tal-Professur il-ġdid li kien Mikiel Anton Vassalli—Missier il-Letteratura Maltija.

Fi-1838 il-Majestà Tiegħu r-Re ħatar lil George Cornewall Lewis u John Austen bħala membri ta' Kummissjoni Rjali biex tirrapporta fuq is-sitwazzjoni ta' Malta. John Austen ġie ma' martu Sarah, li kienet speċjalista fir-riformi ta' l-edukazzjoni. Din, għalkemm ma għamlitx sehem mill-Kummissjoni Rjali, swiet ta' għajnuna kbira biex tlesta r-rapport u biex teqred l-injoranza f'Malta minħabba n-nuqqas ta' skejjel, tmexxija ħażina fl-Università u bsaten fir-roti magħmulin minn klikka ta' mneħirhom imxammar.

SARAH AUSTEN: John, għadni kif kont ma' Dr. Rossignaud u ipperswadieni li jekk fl-Università jkun hemm ħafna professorati, jiġri li n-numru ta' professjonisti jiżdied hekk, li jibda jkun hawn minnhom bir-rimi.

JOHN AUSTEN: Qal sewwa r-Rettur, Sarah. Skond l-istatistiċi, tant hawn tobba u avukati, li l-Gvern, biex ma jħallihomx imutu bil-ġuħ, ħolqilhom bla bżonn postijiet fiċ-ċivil.

---

(16) Laferla A.V.—British Malta, Vol. I; Cremona A.—Vassalli and His Times.

GEORGE C. LEWIS : Tajjeb. Dan il-pont jinżel fir-rapport. (*jaqra qisu kull sentenza qed jiktibha*) Minħabba r-riżorsi żgħar u fqajra tal-Maltin, aħna tal-fehma li m'għandux ikun hemm ħafna professorati u li t-tagħlim ikun limitat għax-xjenzi u arti ta' siwi prattiku fil-ħajja". X'jidhrilkom, eh?

JOHN : Tajjeb... imma aħjar iżżid hekk, ara. "Waqt li nirrikkmandaw nuqqas fil-għadd tal-professuri, nissuġġerixxu żieda sewwa fis-salarji tagħhom."

GEORGE : Kollox sew. Jien ngħid għalija, tal-fehma li m'hemmx bżonnu dal-kunsill għax il-biċċa l-kbira tal-membri qatt ma jmorru għall-laqgħat.

SARAH : Mela taf x'imisskom titolbu? Li minfloku jitwaqqfu kunsilli speċjali—wieħed għal kull Fakultà—tlieta li hemm ġa u l-oħra l-ġdida li ser joħolqu—il-Fakultà tal-Filosofija u Arti.

JOHN : Prosit... proposta tassew f'waqtha... Aliura fuqhom nagħmlu Kunsill Ġenerali bħala l-akbar awtorità.

GEORGE : Ehe... naqbel magħkom.

SARAH : Bilħaqq... qabel ninsa. Dwar il-bibljoteka. Ma taqblux li din imissha tkun il-librerija ta' l-Università? Tafu għalfejn? Biex hekk ikunu jistgħu jitwarrbu għax-xiri ta' kotba ġodda terz mill-miżati ta' l-istudenti li kull ma qed iħallsu huma tmintax irbiegħi biss fix-xahar u ħames liri għad-diploma.

JOHN : Imma dan mhux biżżejjed. Jeħtieġ li l-Gvern jibda jivvota somma akbar mill-għoxrin lira fis-sena li qed joħroġ bħal issa. Wara kollox, tassew li qed inżidu piż fuq il-kaxxa ta' Malta, imma jeħtieġ li l-Gvern jifhimha darba għal dejjem li flus minfuqa għall-edukazzjoni ta' Malta qatt m'huma flus imberbqa (17).

KUMMENTATUR : Bejn l-4 ta' Ottubru u l-14 ta' Novembru 1878, Patrick Joseph Keenan intbagħat Malta bħala Kummissarju Rjali biex jirrapporta fuq l-edukazzjoni ta' Malta. Fir-rapport tiegħu lill-wisq Onorabbli s-Segretarju ta' l-Istat għall-Kolonji, fost ħwejjeġ oħra, qal :—

---

(17) Reports of the Commissioners appointed to inquire into the affairs of Malta (1838) Pt. II No. 19.

KEENAN : L-istess ħajja ta' l-Università tiddependi ħafna fuq riforma sħiħa tal-kors tal-Letteratura. Jien tal-parir li jibda jsir eżami tal-Matrikola fl-Ingliż, Taljan, Ġeografija, Storja u Matematika għal min irid jibda kors fl-Università.

Jisgħobbini ngħid li l-grad tal-Medicina ta' Malta mhux magħruf fl-Ingilterra. L-awtorità ta' Malta jmissha tara għaliex dan hu hekk u tfittex li tasal fi ftehim billi jsiru t-tibdiiet meħtieġa. Jekk dan ma jsirx, iż-żgħażagħ Maltin jibqgħu ma jitħallewx jidħlu fis-servizzi bħala tobba. L-anqas ma jinħatru fil-ħafna karigi li għalihom jistgħu jidħlu t-tobba mhux biss fl-Ingilterra imma wkoll fl-Imperu kollu.

Fl-aħħar irrid nistqarr li għalkemm iż-żjajjar tiegħi kienu ħafna drabi ta' tfixkil għall-istudenti, qatt ma smajt tgemgim u minnhom ma rajtx ħlief rispett. Il-manjieri dħuiin, persunalità dinjituża u l-imġiba ħelwa tagħhom jagħtuhom l-ikbar jedd għall-vantaġġi akkademiċi li jgawdu ż-żgħażagħ ta' l-Ingilterra u l-kolonji (18).

KUMMENTATUR : Fil-21 ta' Frar 1887, il-Gvernatur waqqaf Kummissjoni biex tirrevedi s-sistema ta' l-eżamijiet tal-Matrikola, tfassal programmi ta' studji u taħtar Bôrd ta' eżaminaturi (19).

PRESIDENT : Mela, sinjuri, dwar l-ewwel punt li għandna quddiemna—ir-riforma ta' l-eżami tal-Matrikola—taħsbu li l-livell li qed nissuġġerixxi hu għoli biżżejjed?

DR. CARUANA : U żgur, Sur President! Hu livell ogħla minn dak ta' l-universitajiet ta' Oxford, Cambridge, u Dublin.

SUR SAVONA : Naqbel ma' Dr. Caruana, biss nixtieq li nagħtu parir li flok f'Ottubru l-eżami jsir fl-aħħar ta' Ġunju biex hekk min jeħel f'xi suġġetti jkun jista' jagħti eżami riparatorju f'Settembru.

PRESIDENT : Nissekonda l-mozzjoni tas-Sur Savona. Hawn xi ħadd kontra? Le. Issa niġi għall-pont li tħadditna fuqu l-bieraħ. Ilkoll qbilna dwar il-ħtieġa ta' Senat bħala l-ewwel pass biex it-tmexxija ta' l-Università tgħaddi

(18) Keenan P.J.—Report upon the Educational System of Malta (1879).
(19) Malta Gov. Gazette No. 3182 21/2/1887.

minn idejn il-Gvern għal għand il-korp akkademiku. Jekk il-parir tagħna jiġi milqugħ, din tkun l-ewwel darba li l-Università ser ikollha Senat u dan ikun magħmul mhux mill-professuri biss, iżda minn kull min jinteressa ruħu fl-edukazzjoni ta' Malta. Sur Segretarju, aqra ftit, jekk jogħġbok, is-suġġerimenti li saru dwar dan is-suġġett.

SEGRETARJU : L-ewwel : Il-kontroll u t-tmexxija ta' l-Università ta' Malta tkun f'idejn Kumitat li jissejjaħ is-Senat ta' l-Università.

It-tieni : Li dan ikun magħmul mill-Logutenent Gvernatur ex-officio President u Kanċellier, Direttur ta' l-Edukazzjoni bħala Viċi Kanċellier, Rettur, erba' rappreżentanti tal-Fakultajiet u sitt membri oħra maħtura mill-Gvernatur (20).

It-tielet : Is-Senat ikollu s-setgħa assoluta dwar studji u dixxiplina. Id-deċiżżjoni tiegħu tkun finali f'appelli magħmulin minn professuri u studenti. (21).

KOMMENTATUR : Il-15 ta' Lulju 1889 hi data miktuba b'ittri tad-deheb fl-istorja ta' l-Università. Kienet data meta l-Università ngħatat għall-ewwel darba l-awtonomija. L-Ordinanza XII tal-1889 inħadmet fuq s-suġġerimenti kollha li kienet għamlet sentejn qabel il-kummissjoni li għadna kif konna qed nisimgħu. Imma kellha ħajja qasira- Tmien snin wara, il-Gvern waqqa' s-Senat u mill-ġdid ħa f'idejh is-setgħat kollha.

*Innu ta' l-Istudenti*

Il-ħsieb li jitwaqqaf il-"Comitato Permanente Universitario" ħa sura bejn is- sena 1901 meta l-istudenti Maltin għamlu vjaġġ sa Katanja u Messina u s-26 u 27 ta' Frar tas-sena ta' wara meta ġew iżuruna l-istudenti Sqallin. Il-Maltin sabu li fi Sqallija kien hemm soċjetajiet ta' l-istudenti bl-isem ta' "Comitato Permanente Universitario" jew fil-qosor "C.P.U.". Dawn kellhom l-istess prinċipji u attivitajiet li kellhom fi ħsiebhom l-istudenti tagħna meta jkunu qed jaħsbu biex

(20) Malta Gov. Gazette Supp. 3203 (1887).
(21) Ord. XII Malta Gov. Gazette Supp. 3334 15/VII/1889.

iwaqqfu għaqda bejniethom (22).

L-istatut li l-Kumitat ressaq fil-11 ta' Marzu 1916 quddiem il-Kunsill Ġenerali ta' l-Università biex ikun magħruf uffiċjalment juri li xogħol iċ-"C.P.U." kien li jirrappreżenta lill-istudenti f'dak li jmiss l-interessi tagħhom u biex jiżviluppa l-ħajja soċjali u l-għaqda akkademika bejn l-istudenti.

*Mużika — "5th Symphony" (Tchaikovsky)*

Fl-1915 ħareġ statut ġdid li bis-saħħa tiegħu saru tibdiliet radikali dwar l-istudji u l-għoti ta' gradi. Minkejja d-dikjarazzjoni tar-Rettur li t-tibdiliet saru bil-ħsieb li jintrefa' l-livell ta' l-istudji fl-Università u mhux għax kienu mġegħlin minn barra, jibqa' l-fatt li kienet x'kienet il-fehma ta' min għamel ir-riformi, il-bidla tad-dottorati f'baċċellerati ma għoġbot lil ħadd (23).

Billi l-istatut ma kienx ser jibda jseħħ ħlief mis-sena 1919 'il quddiem u għax, kif jiġri f'każi bħal dawn, il-gradwati tal-1916 ma kienx joqroshom, dawn ma tkellmux. Mhux hekk imma dawk li kienu ser jispiċċaw il-korsijiet fl-1919!

Fil-10 ta' Mejju ta' dik is-sena nsibu l-istudenti kollha msejħin għal laqgħa ġenerali fl-"Aula Magna" ta' l-Università mid-delegati tagħhom.

*(għajat, għajdut)*

PRESIDENT: *(iħabbat fuq il-mejda, jgħajjat)* Ordni, fis-sala! Attenzjoni! Sħabi studenti, mid-diskorsi li għadna kemm smajna u mid-dibattiment twil li għadu kemm seħħ, naħseb li kulħadd jaqbel li l-fehma waħda tagħna lkoll hi li ma noqogħdux għall-istatut il-ġdid *(għajat ta' Hear! Hear! żgur ma rriduhx! ecc.)*. Biss jeħtieġ nimxu bil-għaqal, ma neħdux passi li jista' jiddispjaċina wara li nkunu ħadniehom. Għalhekk issa s-segretarju ser jaqra riżoluzzjoni u wara ngħadduha għall-vot. Sur Segretarju, jekk jogħġbok......

(22) Magri—"Dal Mio Taccuino Universitario" 3-4.
(23) Report of Commission of June riots; sub Sec. "University Students".

The Royal University of Malta

SEGRETARJU : L-istudenti kollha ta' l-Università f'laqgħa ġenerali fl-Aula Magna l-lum l-10 ta' Mejju 1919...... (*leħen jitbiegħed*).

KUMMENTATUR : Xi ftit jiem wara kienet qed issir laqgħa oħra.

PRESIDENT : Huti studenti, m'hemmx għalfejn noqgħod insemmi waħda waħda l-protesti li għamilna dwar ir-riformi ta' l-istatut. S'issa aħna tlabna bil-kelma t-tajba u bil-qima kollha l-jeddijiet tagħna. Imma xejn ma sewa! Għaliex ma tawniex il-jeddijiet li jistħoqqilna? Għaliex leħenna lkoll tħalla jmur mar-riħ? Għax qed jistmawna ta' tfal! Ma jridux jisimgħu bis-sewwa? Insemmgħuhom bid-dnewwa. Nagħmlulhom strajk. Ma nidħlux għal-lezzjonijiet. L-aħwa, inqumu u nuruhom snienna. Xi tgħidu, inħailuhom jagħmlu li jridu bina? (*Għajat— Viva l-President tagħna, abbasso l-istatut u min għamlu. Nistrajkjaw. Isktu! isktu! Bertu jrid jitkellem, jitkellem Bertu*).

BERTU : Jien ta' ftit kliem kif jafni kulħadd (*daħk*). Naqbel ma' dak kollu li qalilna l-President (*bravu! bravu!*) Imma ma naqbilx mal-mod li jrid jagħmel l-istrajk (*għaliex? għaliex?*) S'issa konna qisna qabda nagħaġ. Issa billi ma nidħlux għal-"lectures" b'daqshekk x'ġara? Aħjar għall-professuri għax niffrankawlhom ix-xogħol! Iktar minn hekk irridu. Nagħmlu dimostrazzjoni. Inġibu banda; nisparaw murtali, insaffru, ngħajtu. Min hu miegħi, rġiel (*għajat u ċapċip*).

*Mużika — "London Fantasia" (Clives-Richardson)*

KUMMENTATUR : Dak li qalu għamluh. Kissru ħġieġ, ħarqu bankijiet u kotba, għalqu r-Rettur u l-professuri ġewwa, billi sakkru r-rixtellu ta' barra u ssuttaw bil-bajd lis-Sur Ċikk Azzopardi li kien żamm kontra tagħhom fl-Esekuttiv u fil-Leġislativa.

Il-Pulizija ħarrku l-mexxejja ta' l-istorbju. L-istudenti u l-pubbliku għamlu dimostrazzjoni mill-akbar, wasslu lill-akkużati sal-qorti ġo karrozza mżejna bil-fjuri u bnadar; u fis-sala tal-qorti sar ħafna għajat ta' "Viva l-istudenti! Eħilsu l-akkużati!". Il-kawża tħalliet

għal darb'oħra, imma meta saret instabu mhux ħatjin u ġew meħlusa (24).

Il-Kunsill Ġenerali qal lill-istudenti li jekk ma jidħlux għal-"lectures" sas-26 ta' Mejju jitilfu l-ewwel sessjoni ta' l-eżamijiet tas-sena u d-dritt għall-premjijiet finali.

Iltaqgħu l-istudenti fl-Aula Magna u ddeċidew għalenija li ma jidħlux. Billi kienu wegħduhom li jbiddlu l-istatut daħlu fis-27 tax-xahar. L-istatut tbiddel, iżda l-eżamijiet tilfuhom xorta waħda.

*Mużika — "Valkyria" (Wagner)*

Fl-irvell tas-7 u t-8 ta' Ġunju, 1919, l-Università weħlet ma' ras ix-xewwiexa u kien se jsir tlif mil-laboratorju u mill-"Aula Magna" kieku ma kienx għall-ġemgħa ta' studenti, fosthom ir-Rettur tagħna tal-lum, li waqqfu lill-folla fil-bibien.

*Mużika — "Valkyria" (Wagner)*

Meta fl-1930 tlifna l-Kostituzzjoni u sena wara l-Majestà Tiegħu r-Re għażel Royal Commission biex tikkunsidra l-possibilità li jerġa' jitwaqqaf is-"Self Government" (25), l-istudenti ħassew il-ħtieġa li jindirizzaw lir-"Royal Commissioners". Fissru, fost ħwejjeġ oħra, li Malta għandha dritt qawwi għall-awtonomija sħiħa, politika u amministrattiva (26).

*Mużika — "Pomp and Circumstance" (Elgar)*

Fis-6 ta' Settembru 1932 tas-sena ta' wara, il-Gvern Nazzjonalista ħareġ ordni biex il-Malti fl-iskejjel jintgħallem u jinkiteb kif nitkellmuh, kif jinħass fil-widna u bħala għajnuna għat-Taljan.

L-Għaqda tal-Malti (Università) bagħtet ittra ta' protesta lill-Prim Ministru u wara li wriet fejn naqas u żbalja l-Gvern, kompliet tgħid hekk :

"Hu ġieh kbir għal Malta li l-ilsien Malti jkun magħruf mill-għorrief l-iktar imsemmija u biex tgħożż

---

(24) Laferla A.V.—British Malta Vol. II.
(25) Malta Gov. Gazette 23/2/31, No. 7405.
(26) Magri op. cit.

dan il-ġieħ, il-Għaqda tixtieq u titlob li tagħlim il-Malti jsir kif jixraq lil kull ilsien ieħor'' (27).

Il-Protesta ma ġietx milqugħa. Minn fuq heddu lill-Għaqda, għajruha u għalqulha f'wiċċha bwieb is-swali ta' l-Università. B'dana kollu l-laqgħat baqgħu jinżammu xorta waħda fid-dar ta' l-istudent Ġanni Formosa, il-lum Maġistrat.

Sena wara tbiddel il-Gvern u l-Għaqda reġgħet daħlet rebbieħa fis-swali ta' l-Università.

Ordinanza maħruġa fl-1934 għamlet illegali l-użu tat-Taljan fil-Qrati, Amministrazzjoni u Leġislazzjoni. Iċ-C.P.U. għamel dan l-appell ta' protesta.

PRESIDENT

Messaggio alla Gioventù Studiosa di Malta

Comitato Permanente Universitario

Università di Malta, 1 Sett. 1934.

Nell'ora delle umiliazioni e del sacrificio, mentre la più cieca rabbia snazionalizzatrice e liberticida si scatena sul nostro sventurato paese colla promulgazione delle inique ordinanze imperiali, che bandiscono la lingua italiana—espressione nobilissima della nostra stirpe e della nostra cultura—dai tribunali, dall'amministrazione e dalla legislazione, il Comitato Permanente Universitario ricorda ai giovani, il dovere di serbare, nell'angoscia, l'animo libero e la fiducia immancabile della nostra causa.

Protestando contro le tiranniche imposizioni snazionalizzatrici del Governo Imperiale, noi giovani proclamiamo la santità della nostra causa, dichiarandoci vindici ed interpreti dei diritti imprescrittibili del popolo Maltese. Ricordate che secondo l'insegnamento di Vincenzo Gioberti, esaltatore del nostro primato morale e civile, la morte della lingua trascina con se quella della nazione (28).

KUMMENTATUR : Imma kif jiġri li fis-saħna ħadd ma jkun jaf x'inhu jgħid ! Minnu t-tagħlim ta' Gioberti, mma l-ilsien tal-poplu Malti huwa l-Malti u mhux it-Taljan.

(27) Leħen il-Malti No. 20 Ott. 32 u No. 121-122 Marzu-April 1941 u Saydon Prof. Mons. P.P.—Maltese Literature and its future.

(28) Magri op. cit.

In-nazzjonalità tagħna kienet tinqered, Alla ħares qatt, kieku inqered l-ilsien Malti u mhux il-Lingwa Taljana.

Bl-istatut ta' l-1935, l-istudenti ma tħallewx jagħmlu sehem minn ebda kumitat jew għaqda li tippretendi li tirrappreżenta l-istudenti ta' l-Università meta dawn is-soċjetajiet ma jkunux magħrufa mill-Kunsill Ġenerali.

*Mużika — "Marche Militaire" (Schubert)*

Dik is-sena, ħtieġa li kienet ilha tinħass ħafna twettqet. Tħabat minn hawn u tħabat minn hemm ir-Rettur, l-Onorevoli Prof. Robert V. Galea, irnexxielu jikseb permess mill-Gvern biex jiftaħ Club għall-istudenti għall-mogħdija taż-żmien, sports u għal okkażjonijiet soċjali.

*Mużika — "God Save the King"*

Paġna oħra sabiħa ta' l-istorja glorjuża ta' l-Università tagħna!

ALEXANDER:

Privy Purse Office,
Buckingham Palace,
18th February, 1937.

To the Rector,
University of Malta.

Dear Sir,

I am commanded by the King to inform you that His Majesty has been graciously pleased to grant his patronage to the University of Malta.

Yours truly,
ULICK ALEXANDER,
Keeper of the Privy Purse.

KUMMENTATUR: U minn dak iż-żmien l-isem uffiċjali ta' l-Alma Mater tagħna, sar "Università Rjali ta' Malta".

Fl-1937 twaqqfet il-Katedra tal-Malti u l-Ilsna Orjentali.

*Mużika — "Marche Militaire" (Schubert)*

1940. — Gwerra kontra l-Assi Faxxisti!

*Mużika — "Reveille' (Bugle)*

SURĠENT : Rise and shine! Come on! Get up! Rise and shine! Get dressed for P.T.!

KUMMENTATUR : Iva, sewwa qed taħsbu! L-istudenti xejn inqas minn ħaddieħor messhom li jagħmlu servizz fil-gwerra. F'Ottubru ta' l-1941 daħlu mal-50 student fl-R.M.A., imma wara tliet xhur servizz bagħtuhom ikomplu l-istudji tagħhom fil-waqt li dawk il-100 student li ngaġġaw sena wara komplew il-ġlieda għal Art Twelidhom u l-Imperu sat-tmiem tagħha.

L-Alma Mater tagħna tħossha kburija li hi wkoll għamlet sehemha ma' tul it-taqbida għall-ħelsien.

*(Sirena u sparar fil-bogħod)*

Għal ħabta ta' Marzu ta' l-1942, l-attakki tal-"Luftwaffe" laħqu l-ikbar ħruxija tagħhom. L-għedewwa għamlu kullimkien ħerba waħda. Ma kienx hawn post f'Malta li ma messux sehem mill-bombi qerrieda. L-Unversità wkoll batiet u fl-24 ta' Marzu, 1942, fil-waqt li l-arloġġ ta' ġol-bitħa ta' l-Università kien qed idoqq is-sagħtejn neqsin kwart .....

*(ħsejjes ta' ajruplani, sparar, tisfira ta' bomba, esplużżjoni, ħoss ta' bini jaqa')*

L-"Aula Magna" ġġarrfet għal kollox. Imma l-arloġġ li qiegħed fuq ir-riħ tagħha ma ġralu xejn għajr ħsara żgħira fil-mekkaniżmu.

Fuq dan l-arloġġ storiku li ma' dwaru hemm miktub il-kelmiet "Pereunt et Imputantur"—(Il-ħin jgħaddi u jixli)—l-istudent poeta Wallace Gulia kiteb dawn il-versi :

Imċajpar ġewwa r-raxxa ta' l-irxiex,
Jew safi ġewwa l-kisja minn tax-xemx,
Jien dejjem rajtek bħal xi bhima kiefra
Li ssaltan, dejjem tamar "Ħniena m'hemmx!"

Għax waqt li 'dwarek kollox nieżel ħerba
Tat-toqol ta' l-imgħoddi, inti sewwa
Tkejjel liż-żmien u tqassad : saħansitra
Tirbaħ lis-saħħa għajjura tal-għedewwa...! (29).

(29) **Gulia W. P.—L-Ewwel Għana.**

*Mużika — "Innu Malti"*

Il-Kunsill Ġenerali ta' l-Università ta prova oħra talfehma sħiħa li jżomm fil-għoli d-dinjità ta' l-Alma Mater tagħna, tax-xewqa li jżomm imkebbsa t-torċa talkultura nazzjonali u biex iweġġah lil dawk li għandhom f'idejhom din it-torċa. Ewlieni fost dawn hu Monsinjur Dun Karm Psaila; il-Poeta Nazzjonali Malti. Dun Karm mhux biss poeta imma simblu ta' xewqat art twelidu għal progress u ħelsien kulturali.

Għalhekk fl-1 ta' Ottubru 1945 l-Università tat għall-ewwel darba l-grad tad-D.Ltt ("honoris causa") lil Dun Karm (30).

Issa għandi l-ġieh nippreżentalkom lill-Viċi-Kanċellier u Rettur Manjifiku ta' l-Università ta' Malta, il-Professur Manchè.

RETTUR : Bl-Ordinanza XXXII ta' l-1947 l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur għoġbu jordna li l-Kunsill ikun l-ogħla awtorità fit-tmexxija ta' l-Università u li hu biss jamministra l-proprjetà tagħha u jikkontrolla l-infiq. F'idejn is-Senat ġie fdat it-tagħlim u d-dixxiplina. Dan ifisser li l-Università saret Awtonoma. Pass 'il quddiem u ta' fejda għall-iżvilupp tal-wirt kulturali ta' l-ALMA MATER u l-għażiża Malta tagħna! Pass li neħħa xkiel minn quddiem l-Università!

Bis-saħħa tiegħu hi tkun tista' taqdi aħjar il-ħtiġiet tan-nazzjon. Xhieda ta' dan hu l-ftuħ għall-ewwel darba ta' korsijiet ġodda fl-Edukazzjoni,, Kummerċ u Ekonomija, li minnhom jitgħallmu u jwessgħu moħħom is-surmastrijiet, neguzjanti u impjegati taċ-ċivil.

Bis-saħħa ta' dan il-pass għaqli tal-Gvern, l-Università gawdiet mhux ftit finanzjarjament għaliex l-"Inter University Council" irregalalha £120,000 għall-bini ta' laboratorji u każin ġdid għall-istudenti, £5,000 għallibrerija, £5,000 oħra għax-xogħol ta' riċerki, u £1,000 għax-xogħol barra mill-Università ġew mogħtija mill-"Colonial Development and Adult Education Fund".

Mil-lum 'il quddiem l-Università tagħna, li hi l-eqdem waħda fl-Imperu Ingliż barra l-Ingilterra, tista' tibda tħabbatha ma' kull waħda oħra fid-dinja!

(30) Aquilina Prof. J.—"Academic degrees and values".

Ma nistax ma nagħmilx tiegħi s-sejħa tal-mibki Professur Sir Temi Zammit lill-istudenti: "Ħobbuha bil-bosta din l-omm glorjuża li għallmitkom għax għandha bżonn l-imħabba tagħkom... Kunu kbar, kunu b'saħħitkom minħabba fiha u għaddu l-wirt kbir u għani li tatkom lil uliedkom" (31).

Lill-poplu Malti ngħidlu biex jifraħ bill-progress ta' l-Università tagħna għaliex meta l-istudenti tagħna tal-lum — il-mexxejja tiegħu ta' għada — ikunu msaħħa b'edukazzjoni soda, għolja u qawwija, wiċċhom u wiċċu ma jiħmarx bil-mistħija meta jkejlu għerfhom ma' dak tal-barranin.

*Mużika — "Finlandia" (Sibelius)*

GĦELUQ

---

(31) Zammit Prof. Sir T.— L'Università di Malta.

## APPENDIX "A"

Din il-kronaka xandritha għall-ewwel darba minn fuq ir-"Rediffusion" il-Fergħa Drammatika, Għaqda tal-Malti (Università) f'"Jum it-Twaqqif" ta' l-Università Rjali ta' Malta nhar it-Tnejn, 22 ta' Novembru, 1948.

Dawk li ħadu sehem kienu :—

| | |
|---|---|
| Kummentarju ... ... ... ... ... | Inez Soler |
| Viċi Kanċellier ta' l-Ordni ... ... | Joseph L. Grech, Ph.C. |
| Inkiżitur Manciforte ... ... ... ... | Frank X. Dingli |
| Grammastru Emanuel Pinto ... ... | Guido Demarco |
| Paġġ ... ... ... ... ... ... ... | Ġorġ Saliba, Ph.C. |
| Dr. Prevost, Avukat Fiskal ... ... | Joe Tanti |
| Rettur ... ... ... ... ... ... ... | Maurice Lubrano |
| Franċiż ... ... ... ... ... ... | Antoine Depares, Ph.C. |
| Ġeneral Vaubois ... ... ... ... ... | Maurice Gambin, B.A. |
| Professur Dun Mikiel Xerri ... ... | Ġużè Zarb Cousin, B.A. |
| Kaptan Franċiż ... ... ... ... ... | Joe Brincat |
| Ġeneral Graham ... ... ... ... | Ġorġ Mifsud Montanaro |
| Captain Alexander Ball ... ... ... | Spiru Camilleri |
| Sarah Austen ... ... ... ... ... | Adriana Abela, Ph.C. |
| John Austen ... ... ... ... ... | Lino Abela |
| George Cornewall Lewis ... ... ... | Ġorġ Zarb |
| Patrick Joseph Keenan ... ... ... | Edwin Grech |
| President tal-Kummissjoni ... ... | Joe Ebejer Redman |
| Dr. Caruana ... ... ... ... ... | John Scicluna |
| Sigismondo Savona ... ... ... ... | Maurice Lubrano |
| Segretarju tal-Kummissjoni ... ... | Joe Brincat |
| President ta' l-istudenti ... ... ... | Tony Farrugia |
| Segretarju ta' l-Istudenti ... ... ... | Ġorġ Saliba, Ph.C. |
| Bertu, student ... ... ... ... ... | Ġorġ Cassar |
| Messaġġ bit-taljan moqri minn ... | Ettore Lucia |
| Ulick Alexander ... ... ... ... | John Scicluna |
| Surġent Ingliż ... ... ... ... ... | Frank X. Dingli |
| Poeżija fuq l-arloġġ ... ... ... ... | Guido Saliba |

Id-Diskors ta' Għeluq għamlu l-Viċi-Kanċellier u Rettur Manjifiku Professur J. A. Manchè, B.Sc., M.D.

---

Produzzjoni ta' Inez Soler.

The Royal University of Malta.

# APPENDIX "B"

## BIBLJOGRAFIJA

AQUILINA PROF. J. — Academic Degrees and Values.

AZZOPARDI BARONE — Giornale della presa di Malta e Gozo.

BONNICI PROF. MONS. A. — The Teaching of Theology in the Jesuit College.

CALENDAR of the Royal University of Malta.

CREMONA — Vassalli and his Times.

FILES ta' l-Università Rjali ta' Malta.

GOVERNMENT GAZETTE — Nos. 3182, 3203, 3334, 7405.

GULIA W. P. — L-Ewwel Għana.

JUNE RIOTS — Report of Commission on the.

KEENAN PATRICK J. — Report upon the Educational System of Malta.

LAFERLA A. V. — Story of Man in Malta: British Malta Vols. I and II.

LEANZA — I Gesuiti in Malta al tempo dei Cavalieri Gerosolmitani.

LEHEN IL-MALTI — Nri. 20 u 121-122.

LIBER BULLARUM — Archiv. Melit.

LAURENZA PROF. V. — Il Primo Rettore e i Primi Statuti dell'Università di Malta.

MAGRI ED. — Dal mio taccuino Universitario.

MALTA CHRONICLE — May 1919.

REPORT of the Commissioners appointed to inquire into the affairs of Malta (1838)

SAYDON PROF. P.P. — Maltese Literature and its future.

STATUTES of the Royal University of Malta.

ZAMMIT PROF. SIR T. — L'Università di Malta.
Malta, The Islands and their History.